MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 853/2003

***Budget Services Limited***

***Versus***

**Adrian Deguara**

Din is-sentenza hija dwar eċċezzjoni ta’ inkompetenza *ratione valoris*.

Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob l-iżgumbrament tal-konvenut minn fond illi tgħid illi qiegħed iżomm mingħajr titolu u qiegħda titlob ukoll il-likwidazzjoni u l-ħlas ta’ danni “inkluż ħlas għall-okkupazzjoni”.  Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi din il-qorti ma għandhiex kompetenza *ratione valoris* biex tisma’ u taqta’ din il-kawża għax il-valur lokatizju tal-fond illi qiegħed jintalab l-iżgumbrament minnu, u d-danni għall-okkupazzjoni kull sena, huwa ta’ erba’ mija u sitta u ħamsin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm456.25) fis-sena.

L-azzjoni ta’ l-attriċi, safejn hija azzjoni maħsuba biex tieħu lura l-pussess ta’ immobbli li qiegħed f’idejn il-konvenut, hija azzjoni revindikatorja, *i.e.* azzjoni dwar il-

proprjetà ta' immobbli. Il-fatt illi l-konvenut eċċepixxa illi għandu titolu ta' kiri ma jibdilx dan il-fatt, tant illi l-konvenut eċċepixxa wkoll illi "s-soċjetà attriċi għandha l-ewwelnett tagħti prova tat-titolu tagħha" billi tagħmel il-*probatio diabolica* li trid l-azzjoni revindikatorja.

L-art. 748 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħidu hekk:

**748.** Il-valur ta' l-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba-

(*a*) meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata;

(*b*) meta t-talba hija għall-ħaġa li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew f'xi kitba oħra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulħadd, jew bil-prezz kurrenti.

**749.** (1) Il-valur ta' immobbli, meta mhux determinat bil-mod imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, jiġi determinat mir-renta netta tas-sena li taħbat l-aħħar qabel multiplikata ħamsa u għoxrin darba.

Ukoll jekk noqogħdu fuq l-eċċezzjoni tal-konvenut stess, ir-renta fis-sena mill-fond li dwaru saret il-kawża hija ta' erba' mija u sitta u ħamsin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm456.25). Din ir-renta multiplikata ħamsa u għoxrin darba taqbeż sew il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, u għalhekk il-qorti kompetenti *ratione valoris* biex tisma' u taqta' din il-kawża hija din il-qorti.

Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta' inkompetenza *ratione valoris*; tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż ta' dan l-episodju.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------